MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2011

Numru. 525/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Spiridione Zammit**

**vs**

**Francis Galea**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Francis Galea iben Salvu u Virginia nee' Galea, mwieled Pieta' fil-14 ta' Novembru 1954 u residenti '66' Triq Antonio Nani, Rabat u detentur tal-karta tal-identita' numru 843754(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Fil-21/07/2009 ghall-habta ta' 07.30am fi Triq Hal Qormi, Luqa saq vettura bin-nru tar-registrazzjoni CAT163:

1. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas tat-tharis tar-regolamenti tat-traffiku nvolontarjament ikagguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Tonio Cauchi skond kif iccertifika Dr. Josef Mifsud MD mill-MDH.

Il-Prosekuzzjoni titlob li l-imsemmija persuna tigi skwalifikata milli tiehu jew ikollha ebda licenzja tas-sewqan ghal-perijodu ta' zmien li l-Qorti jidrilha xieraq.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz in-nota tal-Avukat Generali datata 30 ta' Dicembru 2010 (esebita a fol. 50 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub :

(a) fl-artikolu 225 u 226(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) fl-artikolu 30 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) fl-artikolu 15(1),(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li waqt l-udjenza tal-24 ta' Frar 2011, l-imputat iddikjara li huwa m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:
Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw incident awtomobilistiku li sehh fil-21 ta' Lulju 2009 ghall-habta tas-7.30am fi Triq Hal-Qormi, Hal-Luqa bejn il-vann bin-numru tar-registrazzjoni CAT 163 misjuq mill-imputat Francis Galea u r-rota li kellha mutur imwahhal maghha misjuqa minn Tonio Cauchi fejn dan tal-ahhar spicca sabiex sofra griehi ta' natura gravi bhala konsegwenza tal-incident skond kif jirrizulta mic-certifikat mediku esebit a fol. 3 tal-atti processwali.

Mill-provi rrizulta li l-incident sehh f'dik il-parti ta' Triq Hal-Qormi fejn hemm id-dahla sabiex wiehed jidhol fl-Industrial Estate tal-Hal-Luqa fejn Tonio Cauchi kien qed isuq ir-rota tieghu sejjer fid-direzzjoni ta' Hal-Qormi filwaqt li l-imputat kien gej mid-direzzjoni opposta, u cioe' minn Hal-Qormi ghal Hal-Luqa u kien qasam sabiex jidhol fl-Industrial Estate ta' Hal-Luqa meta gie miluqt fuq il-kaxxa tal-vann tieghu fuq in-naha tax-xellug fejn ir-rota ta' wara. Tonio Cauchi meta xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-24 ta' Novembru 2010 ammetta li r-rota tieghu kellha l-brakes ma jiffunzjonawx, huwa qal li fid-direzzjoni li kien sejjer hu hemm karreggjata wahda biss u li huwa kien ra l-vetturi li kien hemm quddiemu jieqfu u huwa ghadda min-naha ta' gewwa, u cioe' min-naha tax-xellug u baqa' diehel fil-genb tax-xellug tal-vann li huwa kien ra idur sabiex jidhol fl-Industrial Estate. L-imputat min-naha l-ohra li xehed waqt l-udjenza tal-24 ta' Frar 2011 spjega li huwa kien qed isuq il-vann tieghu gej mid-direzzjoni ta' Hal-Qormi u ried jidhol fl-Industrial Estate ta' Hal-Luqa fejn ghandu l-fabbrika. Huwa spjega li malli waqfulu zewg vetturi sabiex huwa jidhol u kien beda' l-manuvra sabiex idur lejn l-Industrial Estate u kien kwazi lahaq dahal hass daqqa fuq in-naha tax-xellug tal-vann tieghu man-naha ta' wara. Huwa spjega li r-rota misjuqa minn Cauchi ma kienx raha qabel ma qala' d-daqqa.

Ikkunsidrat:

Illi wara li l-Qorti ezaminat il-provi kollha migjuba mill-partijiet f'dan il-kaz il-Qorti jidrilha li jirrizulta pjuttost evidenti li l-incident awtomobilistiku de quo sehh unikament minhabba traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti da parti ta' Tonio Cauchi li ex admissis jghid li ra l-vetturi ta' quddiemu jieqfu, li huwa ddecida li jissorpassa lil dawn il-vetturi min-naha ta' gewwa u li huwa ra l-vann tal-imputat qed idur sabiex jidhol fl-Industrial Estate izda nonostante cio' baqa' diehel fih. Fil-fehma tal-Qorti mill-istess xhieda ta' Cauchi irrizulta manifestament u inekwivokabilment li huwa nduna li l–vetturi ta' quddiemu kienu waqfu u allura ddecida li jissorpassahom b'mod irregolari min-naha ta' gewwa izda mbaghad meta

lemah il-vann tal-imputat li kien qed idur huwa ma kellux kontroll fuq ir-rota li qed isuq minhabba li din ma kellhiex brakes fuq quddiem u ghalhekk huwa baqa' diehel fil-vann misjuq mil-imputat. It-traskuragni ta' Cauchi kienet tikkonsisti fil-fatt li huwa ghazel li jsuq rota b'mutur imwahhal maghha minghajr brejkijiet jiffunzjonaw u n-nuqqas tat-tharis tar-regolamenti da parti tieghu, kien jikkonsisti fil-fatt li ghazel li jeffetwa manuvra ta' sorpass min-naha tax-xellug meta kien hemm vetturi weqfin quddiemu u f'parti tat-triq fejn kien hemm dahla man-naha tax-xellug tieghu. Il-Qorti min-naha l-ohra ma setghat tirriskontra ebda traskuragni jew nuqqas ta' tharis tar-regolamenti da parti tal-imputat li ttenta jeffetwa l-manuvra li ghamel wara li accerta ruhu li l-vetturi li kienu gejjin mid-direzzjoni opposta u cioe' li kienu qed jipprocedu fil-karreggjata li ried jaqsam kienu cedewlu sabiex jghaddi. Is-Surgent li nvestiga l-kaz u cioe' PS 1594 Brian Caruana meta xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-2 ta' Dicembru 2010 ikkonferma li sabiex vetturi gejjin mid-direzzjoni ta' Hal-Qormi jidhlu fl-Industrial Estate iridu bilfors icedulhom il-vetturi gejjin mid-direzzjoni opposta. Fil-kaz odjern irrizulta li l-imputat ha l-prekawzjonijiet kollha qabel ma beda' l-manuvra sabiex idur ghalll-Industrial Estate u cioe' accerta ruhu li l-vetturi gejjin mid-direzzjoni opposta kienu fehmu l-intenzjoni tieghu u kienu qed icedulu sabiex idur. Huwa ma kienx tenut jiprevedi li s-sewwieq tar-rota kien ser jittenta jeffetwa manuvra ta' sorpass min-naha tax-xellug u fi kwalunkwe kaz huwa ma rax u ma setghax jara r-rota misjuqa minn Cauchi qabel l-impatt u ghalhekk ma jistghax jinghad li huwa ra r-rota u kkalkula hazin kif qed issostni l-Prosekuzzjoni. Il-hsara fil-vettura tal-imputat hija prova ulterjuri li l-incident sehh meta l-imputat kien diga dahal fid-dahla tal-Industrial Estate u li kien Cauchi li dahal fih ghaliex ma zammewlux il-brakes. Li kieku l-imputat qabad u qasam il-karreggjata opposta u laqat ir-rota misjuqa minn Cauchi l-hsara fil-vann kienet tkun frontali jew altrimenti aktar il-quddiem man-naha tax-xellug.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tiliberah mill-istess imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------